MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Numru 771/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**VS**

**MICHAEL CASHA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Michael Casha ta' 48 sena, bin Paul u Carmela nee' Debono, imwieled il-Marsa nhar is-6 ta' Dicembru, 1956 u residenti fil-fond numru 74, Triq il-Princep Albert, Albert Town, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0818456 (M);

Akkuzat talli fi Triq il-Princep Albert, gewwa Albert Town, il-Marsa, nhar it-2 ta' Awissu, 2005, ghall-habta tal-4.30 ta' wara nofsinhar, ikkawza hsara volontarja fuq il-vettura tal-

ghamla *Ford*, mudell *Fiesta*, ta’ lewn bajdani u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni DAD 958 ghall-valur ta’ Lm150.00 (mija u hamsin lira maltin), ghad-dannu ta’ Kurt Grima, minn Rahal Gdid, dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq il-Princep Albert gewwa Albert Town, il-Marsa, hedded lil Kurt Grima bil-kliem ‘Nisparalek’, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, hebb ghal Kurt Grima minn Rahal Gdid, sabiex jingurjah, idejqu u jaghmillu hsara, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, stieden ghall-glied lil Kurt Grima minn Rahal Gdid;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U fl-ahharnett akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen, indecenti u dagha, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-Artikolu 325(b);
L-Artikolu 339(e);
L-Artikolu 339 (d);
L-Artikolu 338(dd);
U kif ukoll l-Artikolu 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Din il-Qorti mhix qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Michael Casha hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant qiegheda tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------